MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 444/2011

**Panaco Marketing Ltd**
**vs**
**Walter Bonnici f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Spray Pack Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Walter Bonnici f'ismu personali tal-4 ta' Mejju 2011 li jghid hekk:

Illi l-esponenti jsostni li huwa m'ghandhux ikun ikkunsidrat bhala l-legittimu kontradittur, *stante*:

i. li hu qatt ma kellu relazzjoni personali u/jew guridika mas-socjeta' Panaco Marketing Ltd, u

ii. ismu proprju ma jirrizultax fuq il-kambjali odjerni, izda dejjem u limitatament ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Spray Pack Ltd;

Illi *di piu*, l-esponenti jissottometti li s-socjeta’ Panaco Marketing Ltd kienet altru milli konxja tal-fatt li l-esponenti mhux il-leggittimu kontradittur kif wara kollox jirrizulta car mit-tlett (3) kambjali annessi mal-ittra ufficjali *de quo* u *dunque* l-effett tal-ittra gudizzjarja fil-konfront tal-esponenti ghandu jkun null u minghajr effetti legali;

Ghaldaqstant, *in vista* tas-*suespost*, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-effett tal-ittra gudizzjarja ntavolata ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jkun null u minghajr effett fil-konfront tal-esponenti personali;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ Panaco Marketing Limited li tghid hekk:

Illi l-esponenti giet notifikata b’rikors intavolat minn Walter Bonnici nhar l-4 ta’ Mejju 2011 fejn qieghed jitlob li tigi dikjarata nulla u minghajr effett fil-konfront tar-rikorrenti ittra ufficjali intavolata mill-esponenti ai termini tal-art. 253(e) tal-Kap. 12 u b’digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tat-12 ta’ Mejju 2011 fejn filwaqt li r-rikorrenti gie ordnat jesebixxi atti gudizzjarji, ordnat notifika lill-esponenti b’erbat ijiet zmien ghar-risposta;

Illi s-socjeta’ esponenti qabel xejn tirrileva li r-rikors huwa null u dan ghaliex ma gewx osservati d-dettami tal-ligi tal-procedura dwar kif ghandhom jinkitbu l-atti gudizzjari. Fil-fatt, l-art. 174(1)(b) tal-Kap. 12 jipprovdi espressament li kull skrittura ghandu jkun fiha ”*l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijiet*”, jew kif inhu maghruf fil-procedura taghna, l-okkju. Fil-kaz odjern, is-socjeta’ esponenti giet citata mhux bhala intimat izda bhala rikorrent kif jidher mill-okkju tar-rikors – fatt li minnu nnifsu juri li l-odjerni proceduri huma irriti u kwindi nulli;

Illi tali nuqqas huwa rez aktar gravi in vista tal-inkonsistenza li tirrizulta mill-isem tal-att fejn fil-waqt li l-

okkju jghid li Walter Bonnici jidher *proprio et nomine*, fl-isem tal-att issir referenza limitatament ghall-istess Walter Bonnici *proprio*;

Illi subordinatament jigi rilevat ukoll illi l-azzjoni li l-ligi tirriserva ghal min irid jopponi l-ezekuzzjoni ta' kambjala hija spjegata fl-art. 253(e) tal-Kap. 12 liema dispozizzjoni taghmilha cara li t-talba ta' min jopponi kambjala ghandha tkun ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala kollha jew f'parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif ukoll minghajrha. It-talba ta' Walter Bonnici bl-ebda mod ma tinkwadra fid-dispozizzjoni tal-ligi tal-procedura dwar l-oppozizzjoni tal-kambjali u kwindi ma setghetx tigi postulata bil-procedura tal-oppozizzjoni tal-kambjali skond l-art. 253(e) tal-Kap. 12;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, Walter Bonnici ghandu jipprova l-fatti li qieghed jallega;

Bl-ispejjez;

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn jigi rilevat illi ghalkemm l-ittra gudizjarja fl-okkju ta' dan ir-rikors ghandha n-numru 1515/2011, fil-fatt in-numru ghandu jaqra 1015/2011 u l-atti ghandhom jirriflettu dan.

Illi l-ittra ufficjali maghmula mis-socjeta' Panaco Marketing Limited fit-28 ta' Marzu 2011 hi intiza biex tirrendi ezegwibbli tlett kambjali annessi mal-istess ittra ufficjali li ghalqu f'Awwissu, Settembru u Ottubru 2010 rispettivament. Din l-ittra ufficjali saret a bazi tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 billi l-kambjali huma titolu ezekuttiv a bazi tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12.

Ir-rikorrenti qed jikkontesta l-ezekuzzjoni tal-kambjali fil-konfront tieghu personalment billi f'din il-vesti ma jidher imkien bhala debitur fil-kambjali in kwistjoni.

**Eccezzjoni preliminari**

Is-socjeta' Panaco Marketing Limited qed tilqa' ghal din it-talba b'eccezzjonijet ta' natura preliminari. Hi qed tikkontendi illi r-rikors ma segwiex d-dettami tal-ligi dwar kif jinkitbu l-atti gudizjarji, billi qed jigi argumentat illi l-okkju messu kien bil-kontra. Dan l-argument ma fihx siwi. Ir-rikorrenti presenti qed javvali ruhu minn proceduri inizjati f'ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv biex f'dawk il-proceduri jaghmel l-ilment tieghu kif trid il-ligi fl-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12. Hu mhux jinizjala proceduri godda fejn allura kien ikun mehtieg li l-okkju tal-att jirrifletti dan izda qed javvali ruhu mill-istess atti fil-proceduri tal-ittra ufficjali 1015/11 hu jikkontesta t-talba hemm imsemmija.

Subordinatament qed jigi objettat li ghalkemm l-ittra ufficjali tirreferi ghal Walter Bonnici proprio et nomine, ir-rikors gie maghmul min Walter Bonnici proprio biss. Il-Qorti tqis li ma hemm ebda inkonsistenza kif qed jigi allegat fir-risposta ta' Panaco Marketing Limited (l-intimat l-iehor imsemmi fl-ittra ufficjali) billi l-oggezzjoni ghall-ezekuzjoni tal-kambjali mhix issir minn Spray Pack Limited rapprezentata mill-istess Walter Bonnici, billi Walter Bonnici qed iressaq l-ilment tieghu fil-vesti tieghu personali u mhux in rapprezentanza ta' socjeta' li hi persuna distinta minnu fil-ligi. Kwindi l-effetti li jista' jipproduci r-rikors intentat minn Walter Bonnici, semmai jista' javvali lilu biss personalment u mhux lis-socjeta' minnu rapprezentata.

Is-socjeta' Panaco Marketing Limited inoltre qed issostni li t-talba kif impostata minn Walter Bonnici ma tistax treggi ghaliex ir-rimedju li jaghti l-artikolu 253(e) hu s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni fil-konfront tas-socjeta' Panaco Marketing Limited u mhux in-nullita tal-ittra ufficjali kif qed jigi mitlub.

Il-Qorti tqis l-ghazla tal-kliem ghat-talba maghmula minn Walter Bonnici hi infelici u sfortunata billi l-ligi fl-artikolu 253 ma taghti ebda rimedju kif mitlub. Pero hu car illi dak li hu qed jintalab fil-prattika min Walter Bonnici hu illi l-ittra ufficjali li twassal ghall-ezegwibilita tat-titolu ezekuttiv ma ghandux ikollha effett. Il-ligi trid li t-talba ssir b'mod illi l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv permezz tal-kambjala jigi

sospiz jekk jinstabu l-istremi tal-istess artikolu 253(e) imma mhux li l-ittra ufficjali nfisha tigi dikjarata nulla. Il-Qorti tqis li t-talba kif impostata ma tistax tinghata effett. Madankollu hu wkoll ovvju illi fl-istess talba r-rikorrenti qed jitlob ir-rimedju tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 u mhux rimedju iehor li jezorbita d-drittijiet tar-rikorrenti.

Hi t-tendenza illum li l-Qrati jippruvaw isalvaw atti li ghalkemm mhux proceduralment korretti pero fl-istess hin, jidher car l-intendiment taghhom u ma hemm ebda ostakolu impost mill-istess ligi li jimponi nullita assoluta jew pregudizzju insormontabbli ghad-difiza ta' min jircevi l-att. F'dan il-kaz hu car illi t-talba hi msejsa fuq l-artikolu 253(e) u ghalkemm il-kliem nullita tal-att gudizjarju mhux parti mir-rimedju tal-istess artikolu, din il-Qorti ser tqis illi t-talba tar-rikorrenti hi msejsa biss fuq id-disposittiv tal-istess artikolu u r-rimedju li jaghti.

Kif qalet il-Qorti fl-Appell Civili **Vella vs Cefai** (4.11.1991)
Meta fl-atti tac-citazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eccezzjoni tan-nullita' tac-citazzjoni tista' tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita' pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun ghall-pratticita' u sabiex tigi evitata moltiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita' u kemm jista' jkun ghandha ssalva atti gudizzjarji. Att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita' ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estremea li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

**Mertu**

Ir-rikorrenti qed jallega li hu personalment ma jiffigurax bl-ebda mod fil-kambjali li fuqhom qed jittiehdu l-proceduri biex jigu rezi ezegwibbli. Harsa lejn dawn il-kambjali annessi mal-ittra ufficjali juru hekk fil-fatt. It-traent hu Spray Pack Limited biss u Walter Bonnici personalment

ma jidhirx u ma hux imsemmi fil-kambjali. Del resto lanqas l-istess Panaco Marketing Limited ma ssemmi xejn dwar dan fir-risposta taghha.

Ghalhekk ai termini tal-artikolu 253(e) hemm raguni gravi u serja ghaliex din il-Qorti ghandha tilqa' l-ilment tar-rikorrenti fil-vesti tieghu personali billi l-kambjala ma ghandha x'taqsam xejn mieghu personalment u ghalhekk l-ezekuzzjoni tal-kambjala qua titolu ezekuttiv ghandha tigi sospiza fil-konfront tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li tichad dak kontenut fir-risposta tas-socjeta' Panaco Marketing Limited, tilqa' t-talba ta' Walter Bonnici fil-vesti tieghu personali u tissospendi fil-konfront tieghu l-ezekuzzjoni tal-kambjala msemmija fl-ittra ufficjali 1015/2011, u zzommha ferma ghal bqija.

Bl-ispejjez kontra socjeta' Panaco Marketing Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------